# QORTI ĊIVILI

**(Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi)**

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 3 ta' Ġunju 2025**

**Nru: 1**

**Rikors Nru. 1/2024**

## Iċ-Chairperson tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi u l-Kummissarju tal-Pulizija

**vs**

## Kont Bankarju mal-Bank of Valletta bin-numru 40022111678 intestat f'isem Oleg Ltd. (C-37252) u l-flejjes kontenuti fih; u

## Kont Bankarju mal-Bank of Valletta bin-numru 40022895392 intestat f'isem Oleg Ltd. (C-37252) u l-flejjes kontenuti fih

**Fil-qosor**

1. F'din is-sentenza ser tiġi deċiża t-talba li għamlu ċ-Chairperson tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi u l-Kummissarju tal-Pulizija imressqa skont l-artikolu 43 *et sequitur* tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità (Kap. 621) għall-konfiska f'nuqqas ta' kundanna taż-żewġ kontijiet bankarji miżmuma fil-Bank of Valletta plc, b'numri 40022111678 u 40022895392, u tal-flejjes miżmuma fihom.

**Fatti li taw lok għall-kawża**

*Rapporti fil-konfront ta' Skylarov u Oleg*

2. F'Lulju u Awwissu 2018, il-Pulizija ta' Malta rċeviet numru ta' rapporti minn individwi li qalu li sfaw vittmi ta' ingann u frodi, u dana wara li bbukkjaw u ħallsu għal xi ljieli f' akkomodazzjoni ġewwa Malta u sussegwentement skoprew li l-proprjetà reklamata ma kinitx disponibbli jew li ma kinitx teżisti. Il-proprjetajiet li ġew irriservati minn dawn l-individwi ġew irreklamati fuq il-pjattaformi *booking.com* jew *expedia.com* minn ċertu Oleg Anatolyevich Skylarov ('Skylarov'), sid il-kumpanija rreġistrata f'Malta bl-isem Oleg Limited ('Oleg'). Dawn il-vittmi rrapportaw li meta wasal iż-żmien tal-btala jew taż-żjara tagħhom f'Malta, Skylarov kien qata' l-kuntatt magħhom.[1]

3. Fis-27 ta' Awwissu 2018, il-Kummissarju tal-Pulizija rċieva ittra mill-Bank of Valletta plc, fejn intqal li kienu saru diversi pagamenti lill-kumpanija Oleg, li sussegwentement ġew soġġetti għal "recall of funds from different remitters, both local and overseas ... amounting to circa €117k."[2] Oleg kienet is-suġġett ta' rapport ieħor ġimgħatejn wara, hekk kif l-*Economic Crimes Unit* fil-Korp tal-Pulizija rċieva *suspicious activity report* fl-10 ta' Settembru 2018, minn kumpanija irreġistrata fl-Ingilterra li tipprovdi servizzi finanzjarji, bl-isem myPOS Europe Limited. Il-kumpanija myPOS Europe Limited informat lill-Pulizija li kellha suspett li l-operazzjonijiet tal-klijenta tagħha, Oleg, kellhom x'jaqsmu ma' *money laundering* jew finanzjar ta' terroriżmu jew jinvolvu proprjetà li setgħet inkisbet direttament jew indirettament minn jew li setgħet tikkostitwixxi rikavat ta' attività kriminali.

4. Dan is-suspett feġġ wara li kienet rċeviet numru ta'*chargebacks* minħabba li s-servizz li għalih kien twettaq il-pagament lil Oleg, qatt ma ġie fornut minn Oleg.[3] Il-kumpanija myPOS Europe Limited qalet li ma kienx hemm fondi suffiċjenti fil-kont ta' Oleg biex jagħmlu tajjeb għal dawn ic-*chargebacks* u li l-kont ta' Oleg ma' myPOS Europe Limited tħalla b'dejn ta' €35,267.51. Dan kien għaliex il-flus kienu diġà ġew trasferiti ġo kontijiet

[1] Ara kopja tar-rapporti li saru mal-Pulizija Eżekuttiva fil-konfront ta' Oleg u Sklyarov, f'paġni 37-98.
[2] Ara kopja tal-ittra tal-Bank of Valletta p.l.c. lill-Kummissarju tal-Pulizija fis-27 ta' Awwissu 2018, f'paġni 99-102.
[3] Ara kopja tas-*suspicious activity report* ta' myPOS Europe Limited lill-Economic Crimes Unit fil-Korp tal-Pulizija fl-10 ta' Settembru 2018, f'paġni 103-105.

bankarji oħra, qabel ma' l-fondi ta' Oleg setgħu jiġu rkuprati f'dawn iċ-*chargebacks*. Il-kumpanija myPOS Europe Limited għalhekk talbet li ssir investigazzjoni fuq it-tmexxija ta' Oleg u pprovdiet lill-*Economic Crimes Unit* b'kopja tat-tranżazzjonijiet li kienu saru mill-kont ta' Oleg, fejn irriżulta li bejn l-24 ta' Mejju 2018 u t-3 ta' Lulju 2018 kienu ġew trasferiti €69,800 għal kont bankarju ta' Oleg fil-Bank of Valletta plc, filwaqt li ġew trasferiti xi flejjes oħra lil terzi persuni.

5. Fit-18 ta' Settembru 2018, il-Kummissarju tal-Pulizija rċieva kwerela mingħand il-kumpannija li tmexxi l-*booking.com*, rigward il-klijenta tagħha, Oleg.[4] Din qalet li Oleg irreġistrat fuq il-pjattaforma tagħha fil-15 ta' Ġunju 2016, fejn kienet inizjalment toffri xelta ta' 25 proprjetà. Għall-bidu Oleg kienet tmexxi n-negozju tagħha mingħajr problemi sostanzjali, iżda fl-1 ta' Lulju 2018, wara li Oleg kienet żiedet l-ammont ta' kmamar disponibbli fil-proprjetajiet irreklamati minnha, hija informat lil *booking.com* li ma kienx ser ikun possibbli għaliha biex tonora r-riservazzjonijiet tagħha, u sussegwentement qatgħet il-kuntatt mal-pjattaforma. Konsegwentement u minħabba n-nuqqas da parti ta' Oleg biex tonora r-riservazzjonijiet tagħha, *booking.com* inkorriet telf ta' cirka €1,624,869.97 sabiex tħallas id-depożiti lura lill-klijenti t'Oleg u sabiex tipprovdilhom akkomodazzjoni alternattiva. Il-kumpanija li tieħu ħsieb *booking.com* talbet lill-Pulizija biex jinvestigaw il-frodi li skontha, kienet qiegħda titwettaq minn Oleg. Hija sejset il-konklużjoni tagħha (cioè li kien hemm prova ta' frodi) fuq dawn il-konsiderazzjonijiet:-

> The first indication is the illogical availability increase on behalf of this company. Starting January, 2018, Oleg LTD increased the amount of rooms available for dates starting from July, 2018. Due to the artificially increased availability Oleg LTD was able to get more reservations for July onwards without increasing their properties. The fact that the increase in availability has been performed starting January 2018 for the rooms to be available starting from July, 2018 suggests the company's action to be intentional. The said delay allowed Oleg LTD to get the reservations and collect deposits prior to July, 2018, without generating any suspicion.
>
> Secondly, as per request of Oleg LTD to assure the reservation, guests were asked to pay deposits. Oleg LTD has requested the deposits to be sent to the following account in Bank of Valletta - MT87VALL22013000000040022895392. According to the Booking.com's policy, Oleg LTD was allowed to collect the deposits. This action combined with illogical availability increase suggests that Oleg LTD has been collecting money knowing that guests will not be hosted.

[4] Ara kopja tal-kwerela ta' booking.com (irrappreżentata minn Ganado Advocates) tat-18 ta' Settembru 2018, f'paġni 106-107.

> Thirdly Oleg LTD have been unreachable and unresponsive since July, 2018. A company with good intentions would, in the circumstances, opt for mutual cooperation towards recovering the losses caused by their shortcomings.
>
> Fourthly, the fact that Oleg LTD did not honour any of their reservations for the 1st July, 2018 onwards, as against not honouring the overbookings, indicates criminal intention.

*Rispons tal-Pulizija*

6. Wara li rċeviet ir-rapporti tal-individwi in kwistjoni, il-Pulizija pprovat tagħmel kuntatt ma' Skylarov fuq in-numri tal-mowbajl tiegħu, iżda ħadd ma wieġeb. Meta imbagħad marru xi uffiċjali tal-Pulizija jfittxuh ġewwa r-residenza tiegħu fil-Gżira, sabu lill-ex-mara tiegħu, Maria Azzopardi, li informathom li Skylarov kien mar jgħix band'oħra wara s-separazzjoni tagħhom, u li x'aktarx kien ħarab minn Malta.

7. Il-Pulizija sussegwentement akkwistat informazzjoni mill-Bank of Valletta plc rigward il-bilanċ tal-kontijiet irreġistrati f'isem Oleg. Meta ġew analizzati tranżazzjonijiet ta' dawn il-kontijiet irriżulta li bejn it-13 ta' Ġunju 2018 u l-10 ta' Lulju 2018 kienu saru 25 transazzjoni suspettuża li kienu jammontaw għal madwar €539,553.42, liema fondi kienu ġew trasferiti barra l-pajjiż lil ċertu Denis Kochetov. Fid-deskrizzjoni tat-transazzjoni Oleg niżżlet 'Investment Building Villa.' Fuq din l-informazzjoni, fid-9 ta' Ottubru 2018 ġiet milqugħa t-talba li saret mill-Ispettur Doriette Cuschieri u l-Avukat Ġenerali għall-ħruġ ta' ordni ta' sekwestru kontra Oleg u Skylarov.

8. Fl-2022 saret talba oħra lill-Bank of Valletta plc għal rendikont ieħor tal-bilanċ tal-kontijiet f'isem Oleg u Skylarov. Minn dan irriżulta li Skylarov flimkien ma' martu, kellu ħames kontijiet bankarji; erbgħa kienu ġew magħluqa u ieħor kien għadu attiv, b'bilanċ ta' €26.62. Min-naħa l-oħra, Oleg kellha tliet kontijiet bankarji attivi; wieħed ta' tfaddil mingħajr bilanċ, kont kurrenti b'numru 40022111678, b'bilanċ ta' €757.31 ('li jispiċċa -1678') u 'business overdraft account' b'numru 40022895392, b'bilanċ ta' €45,123.11 ('li jispiċċa -5392').[5]

9. Mill-informazzjoni li sussegwentement ġiet miġbura rriżulta li Skylarov huwa ta' nazzjonalità Russa, li telaq minn Malta fit-3 ta' Mejju 2018, u probabbli qiegħed jirrisjedi

[5] Ara kopja tar-risposta tat-30 ta' Ottubru 2023 mingħand Bank of Valletta p.l.c. b'informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji mertu ta' dawn il-proċeduri, f'paġni 112-113.

f'pajjiż barra mill-Ewropa. Mill-istħarriġ li għamel l-Ispettur Wayne Rodney Borg, joħroġ li myPOS Europe Limited u *booking.com* m'għadhomx interessati fil-każ u ma setax isir kuntatt ulterjuri mal-vittmi l-oħra peress li l-maġġor parti tagħhom jgħixu barra minn Malta.[6]

**Kawża tal-lum**

10. Fuq din l-informazzjoni, fis-16 ta' Ottubru 2023, l-Avukat Ġenerali waslet għad-deċiżjoni li għandha ssir konfiska bbażata fuq nuqqas ta' kundanna tal-proprjetà ta' Oleg u Skylarov, peress "illi ma huwiex meħtieġ jew aħjar ma huwiex xieraq li tiġi rkuprata proprjetà soġġetta għall-konfiska permezz ta' konfiska bbażata fuq kundanna fi prosekuzzjoni kriminali."[7] Peress li t-tali deċiżjoni riedet tiġi awtorizzata mill-qorti skont l-artikoli 43 *et seq* tal-Kap. 621, fis-26 ta' Marzu 2024 infetħet din il-kawża, u l-qorti ġiet mitluba sabiex:-

    i. Tiddikjara li l-kont bankarju mal-Bank of Valletta bin-numru 40022111678 intestat f'isem Oleg Ltd. (C-37252) u l-flejjes kontenuti fih huma proprjetà soġġetti għall-konfiska;
    ii. Tordna li l-kont bankarju mal-Bank of Valletta bin-numru 40022111678 intestat f'isem Oleg Ltd. (C-37252) u l-flejjes kontenuti fih jiġu trasferiti lill-Gvern ta' Malta.
    iii. Tiddikjara li l-kont bankarju mal-Bank of Valletta bin-numru 40022895392 intestat f'isem Oleg Ltd. (C-37252) u l-flejjes kontenuti fih huma proprjetà soġġetti għall-konfiska.
    iv. Tordna li l-kont bankarju mal-Bank of Valletta bin-numru 40022895392 intestat f'isem Oleg Ltd. (C-37252) u l-flejjes kontenuti fih jiġu trasferiti lill-Gvern ta' Malta.

11. It-tali talbiet ġew imsejsa fuq il-premessi segwenti:-

    i. L-Artikolu 43 et sequitur tal-Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta jirregolaw il-konfiska bbażata fuq nuqqas ta' kundanna. Konfiska skond dan l-artikolu tista' ssir meta fil-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali, ma huwiex meħtieġ jew ma huwiex xieraq li tiġi rkuprata proprjetà partikolari permezz ta' konfiska wara kundanna fi prosekuzzjoni kriminali. Din l-azzjoni iżda tista' tibda biss fejn l-awtur huwa maħrub jew ma jkunx f'Malta, huwa mejjet, jew imut qabel il-konklużjoni ta' proċeduri kriminali. Proprjetà soġġetta għall-konfiska hi proprjetà li tkun r-rikavat ta' waħda mill-kategoriji ta' reati msemmija fl-Artikolu 43(2).
    ii. *Ai termini* tal-Artikolu 44(2), azzjoni ta' din ix-xorta hi azzjoni *in rem*, immexxija kontra l-oġġett soġġett għall-konfiska.
    iii. Ir-rekwiżiti kollha sabiex din l-azzjoni titmexxa jinsabu sodisfatti.
    iv. Din l-azzjoni nbdiet wara direzzjoni tal-Avukat Ġenerali (ara Dok. 'A' u 'B') li abbażi taċ-ċirkostanzi deskritti f'dan ir-rikors u li ser jiġu spjegati matul dawn il-proċeduri, ma huwiex xieraq li l-proprjetà in kwistjoni tiġi kkonfiskata wara kundanna fi prosekuzzjoni kriminali, u għalhekk għandha tintuża' din il-proċedura.

[6] Ara l-affidavit tal-Ispettur Wayne Rodney Borg, f'paġna 36.
[7] Ara d-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali tas-16 ta' Ottubru 2023, f'paġni 10-11.

v. Is-suspettat, Oleg Anatolyevich Sklyarov ma huwiex f'Malta u ma hemm ebda informazzjoni dwar fejn preżentement jirresjedi.

vi. Il-proprjetà in kwistjoni – il-flejjes miżmuma fil-kontijiet bankarji – ġiet akkwistata permezz ta' frodi. Il-metodu ta' akkwist, trasferimenti, u l-pussess tal-flejjes in kwistjoni jinkwadraw fit-tifsira ta' *money laundering* kif deskritta fil-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement, il-flejjes jikkostitwixxu rikavat soġġett għall-konfiska *ai termini* tal-Artikolu 43(2)(b) tal-Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

vii. *Ai termini* tal-Artikolu 44 tal-Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) hija kompetenti sabiex tisma' u tiddedermina dan il-każ in eżami fir-rigward tal-proprjetà soġġetta għall-konfiska hawn fuq msemmija ladarba r-reat illi ta lok għall-konfiska, u ċioè l-frodi u *money laundering* hawn fuq imsemmi, ġew ikkunsmati f'Malta.

viii. Finalment, l-azzjoni qed titmexxa kontra l-oġġetti u l-kontenut tagħhom.

12. Peress li ma setax jinkiseb l-indirizz validu ta' Skylarov, fl-1 ta' April 2024,[8] il-qorti awtorizzat il-pubblikazzjoni tar-rikors ġuramentat fil-Gazzetta tal-Gvern, f'żewġ gazzetti ta' kuljum (li almenu waħda minnhom kellha tkun bl-Ingliż) kif ukoll fuq websajt kif solitament isir jew li huwa maħsub li jista' jġib l-avviżi għall-attenzjoni għall-persuna li jidher li għandha interess fil-proprjetà in kwistjoni. It-tali pubblikazzjonijiet saru bejn it-12 ta' Lulju 2024 sal-1 ta' Awwissu 2024.[9] L-ebda risposta ma ġiet ippreżentata.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

13. Ir-rikorrenti qiegħdin jeżerċitaw l-azzjoni msemmija fit-Taqsima VI tal-Kap. 621, cioè l-azzjoni għall-konfiska bbażata fuq nuqqas ta' kundanna ('*non-conviction based confiscation*'). Rikors għat-tali azzjoni jista' jsir fejn fil-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali m'huwiex meħtieġ, jew aħjar, m'huwiex xieraq li tiġi rkuprata dik il-proprjetà wara kundanna fi prosekuzzjoni kriminali. It-tali ġudizzju jista' jiġi eżerċitat limitament fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 43, cioè fejn:-

a. l-awtur jaħrab jew ma jkunx f'Malta;

b. l-awtur huwa mejjet; jew

c. l-awtur imut qabel il-konklużjoni ta' proċeduri kriminali.

---

[8] Ara d-digriet tal-qorti tal-1 ta' April 2024, f'paġna 15.

[9] Ara l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fit-12 ta' Lulju 2024 f'paġna 22; il-pubblikazzjoni f'*The Malta Independent* u fl-Orizzont fid-19 ta' Lulju 2024 f'paġni 23-24, u l-pubblikazzjoni fuq il-websajt tal-Uffiċju tal-Irkupru tal-Assi fl-1 ta' Awwissu 2024 f'paġna 29.

14. Fl-artikolu 44(1), il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) tingħata l-kompetenza biex tisma' u tiddetermina l-materji kollha li jinqalgħu taħt it-Taqsima VI, f'każ li l-proprjetà soġġetta għall-konfiska tinstab f'Malta, jew inkella jekk ir-reat li jagħti lok għall-konfiska ikun seħħ f'Malta. Il-konfiska fuq nuqqas ta' kundanna ma tistax tiġi eżerċitata għal kull 'reat rilevanti' taħt il-Kap. 621, iżda esklussivament meta r-rikavat ikun ġej mir-reati li ġejjin:-

a. reat jew reati speċifikati fl-Artikolu 3(1)(a) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffikar Illeċitu f'Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi adottat fid-19 ta' Diċembru tal-1988 fi Vjenna riprodott fl-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att Kontra Money Laundering;

b. terroriżmu, u finanzjar ta' terroriżmu, money laundering, tranżazzjonijiet illegali f'armi u armamenti, traffikar ta' bnedmin, u kwalunkwe reat ieħor f'Malta li jkollu piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn għaxar (10) snin;

c. kwalunkwe reat imwettaq fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali fit-tifsira tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-Ġlieda kontra l-Kriminalità Organizzata; jew

d. kull vjolazzjoni ta' kwalunkwe sanzjoni internazzjonali imposta mill-Ġnus Magħquda, mill-Unjoni Ewropea jew minn korp internazzjonali ieħor illi l-awtorità tiegħu li jimponi tali sanzjonijiet internazzjonali hija rikonoxxuta fil-liġi Maltija.

15. It-tali azzjoni hija waħda *in rem* u titmexxa kontra l-proprjetà soġġetta għall-konfiska u mhux kontra individwi.[10] Il-grad ta' prova huwa dak applikabbli fil-proċeduri ċivili,[11] u l-Gvern għandu l-oneru li jipprova li l-proprjetà hija soġġetta għall-konfiska,[12] u li ġew sodisfatti r-rekwiżiti stipulati fil-liġi.[13]

---

[10] Artikolu 44(2) tal-Kap. 621.

[11] Artikolu 44(2) tal-Kap. 621.

[12] Artikolu 44(4) tal-Kap. 621.

[13] F'każ li jseħħ intervent fil-kawża, l-intervenut jkollu l-oneru li jipprova l-interess jew is-sjieda fil-proprjetà mertu tal-kawża, kif ukoll kwalsiasi fatt ieħor li jkun jeħtieġ li dan jipprova.

16. F'każ li ssir talba għall-konfiska f'nuqqas ta' kundanna lil din il-qorti, jeħtieġ li tiġi avżata l-persuna b'interess ta' sjieda fil-proprjetà soġġetta għall-konfiska. Jekk din il-persuna tkun magħrufa u tkun preżenti f'Malta, in-notifika għandha ssir b'avviż minn uffiċjal tal-qorti. Fin-nuqqas, u cioè jekk ma jkunx jista' jinkiseb l-indirizz validu ta' din il-persuna, l-avviż għandu jsir b'pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll f'żewġ gazzetti ta' kuljum (jew fuq l-internet, skont kif tidderieġi l-qorti).

17. Kwalsiasi persuna li tixtieq tikkontesta t-talba għall-konfiska u li għandha xi interess fil-proprjetà tista' titlob li tintervjeni u tippreżenta risposta fi żmien 30 ġurnata min-notifika jew mill-avviż. F'każ li ssir talba bħal din, il-qorti għandha tqis jekk ġiex ipprovat it-titolu tal-intervenut fil-proprjetà mertu tal-kawża, u jekk dan eżerċitax dominju u kontroll effettiv fuq it-tali proprjetà. Fl-affermattiv, il-qorti għandha tiddeċiedi jekk għandhiex tilqa' l-kontestazzjoni mill-intervenut, wara li tevalwa jekk il-Gvern stabbilixxiex, fuq bilanċ ta' probabbilitajiet, li l-proprjetà hija soġġetta għall-konfiska u wara li tkun qieset id-difiża affermattiva li għandha tiġi stabbilita mill-intervenut fil-kawża skont l-artikolu 49 tal-Kap. 621. F'każ li ħadd ma jippreżenta talba valida għall-proprjetà, il-qorti għandha "iddaħħal ordni ta' konfiska", u dana jekk il-Gvern ikun mexa mal-proċedura stipulata fil-liġi u jkun avża lil kwalsiasi persuni b'interess.[14]

**Analiżi tal-qorti**

*Provi*

18. Ir-rikorrenti ippreżentaw l-provi segwenti in sostenn tat-talba tagħhom għall-konfiska bbażata fuq nuqqas ta' kundanna:-

   a. L-affidavit tal-Ispettur Wayne Rodney Borg;[15]

   b. Kopja tar-rapporti li saru mal-Pulizija Eżekuttiva fil-konfront ta' Oleg u Sklyarov;[16]

[14] Artikolu 48(5)(a) tal-Kap. 621.
[15] Ara l-affidavit tal-Ispettur Wayne Rodney Borg, f'paġni 34-36.
[16] Ara kopja tar-rapporti li saru mal-Pulizija Eżekuttiva fil-konfront ta' Oleg u Sklyarov, f'paġni 37-98.

c. Kopja tal-ittra tal-Bank of Valletta p.l.c. lill-Kummissarju tal-Pulizija fis-27 ta' Awwissu 2018;[17]

d. Kopja tas-*suspicious activity report* ta' myPOS Europe Limited lill-Economic Crimes Unit fil-Korp tal-Pulizija fl-10 ta' Settembru 2018;[18]

e. Kopja tal-kwerela ta' *booking.com* (irrappreżentata minn Ganado Advocates) tat-18 ta' Settembru 2018;[19]

f. Informazzjoni dwar is-soċjetà Oleg (C-37252) miksuba mis-sit tal-Malta Business Registry;[20]

g. Kopja tar-risposta tat-30 ta' Ottubru 2023 mingħand Bank of Valletta p.l.c. b'informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji mertu ta' dawn il-proċeduri;[21]

h. *Pen-drive* bir-rendikonti bankarji u informazzjoni tat-taxxa miksuba mill-Kummissarju tat-Taxxi,[22] inkluż fajl 'Excel' bl-isem '*Account Statement from inception till 30.09.2018,*' li jikkontjeni rendikont sħiħ tat-tranżazzjonijiet kollha fiż-żewġ kontijiet bankarji li diġà ġew imsemmija cioè dawk appartenenti lil Oleg, li jifformaw mertu tal-kawża; il-kont kurrenti li jispiċċa -1678 u l-*business overdraft account* li jispiċċa -5392.[23]

*Ir-reati ta' frodi u ħasil ta' flus*

19. Mill-provi prodotti jirriżulta li Skylarov kien l-unika direttur u azzjonist ta' Oleg u b'hekk kien jeżerċita l-kontroll assolut fuq il-kumpanija. F'isem Oleg, Skylarov irreklama diversi proprjetajiet tal-kiri disponibbli għall-kirjiet *short-let* mill-1 ta' Lulju 2018, u dana bl-użu

---

[17] Ara kopja tal-ittra tal-Bank of Valletta p.l.c. lill-Kummissarju tal-Pulizija fis-27 ta' Awwissu 2018, f'paġni 99-102.
[18] Ara kopja tas-*suspicious activity report* ta' myPOS Europe Limited lill-Economic Crimes Unit fil-Korp tal-Pulizija fl-10 ta' Settembru 2018, f'paġni 103-105.
[19] Ara kopja tal-kwerela ta' booking.com (irrappreżentata minn Ganado Advocates) tat-18 ta' Settembru 2018, f'paġni 106-107.
[20] Ara l-informazzjoni dwar is-soċjetà Oleg (C-37252) miksuba mis-sit tal-Malta Business Registry, f'paġni 108-111.
[21] Ara kopja tar-risposta tat-30 ta' Ottubru 2023 mingħand Bank of Valletta p.l.c. b'informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji mertu ta' dawn il-proċeduri, f'paġni 112-113.
[22] Paġna 114.
[23] Fl-ewwel kolonna intitolata 'Account Number' wieħed jista' jagħżel liem informazzjoni ta' liem kont għandha tintwera. It-tieni kolonna għandha d-dati tat-tranżazzjonijiet. It-tielet kolonna tindika jekk it-transazzjoni in kwistjoni kienitx kreditu jew debitu fuq il-kont. lr-raba' kolonna għandha l-ammonti tal-kreditu jew tad-debitu. It-tmien, disa', għaxar, u ħdax-il kolonna jista' jkollhom dettalji addizzjonali dwar it- transazzjoni in kwistjoni.

ta’ pjattaformi bħal *booking.com* u *expedia.com*. Wara li kienu saru l-pagamenti għat-tali proprjetajiet, Oleg iddikjarat li ma kienx ser ikun possibbli għaliha biex tonora dawn ir-riservazzjonijiet u qatgħet kull kuntatt mal-pjattaformi u mal-individwi li, wara li rriservaw u ħallsu għal dawn il-proprjetajiet, skoprew li l-proprjetajiet irreklamati ma kienux disponibbli jew altrimenti ma kienux jeżistu. Oleg mhux talli ma rritornatx il-flus li kienet irċeviet għall-proprjetajiet reklamati iżda talli immedjatament ittrasferiet il-flus li rċeviet f’kontijiet oħra, sabiex tevita li dawn jiġu rkuprati f’*chargebacks* u *recall of funds*. B’riżultat ta’ dan l-aġir sfaw vittmi d-diversi persuni li ħallsu għall-akkomodazzjoni ġewwa Malta li qatt ma ġiet ikkonsenjata lilhom. Uħud minn dawn l-individwi rrapportaw l-aġir ta’ Oleg u Skylarov mal-Pulizija; iżda kif jista’ jiġi nnotat mil-lista ta’ tranżazzjonijiet ippreżentati, kien hemm diversi individwi oħra li sfaw vittmi ta’ dan l-aġir u li qatt m’għamlu rapport mal-Pulizija. Apparti minn hekk, sfaw ukoll vittmi l-pjattaformi li kellhom jagħmlu arranġamenti, a spejjeż tagħhom, biex jiġu rifużi l-pagamenti li kienu wettqu dawn l-individwi u biex dawn jiġu mogħtija akkomodazzjoni alternattiva għall-btala jew għaż-żjara tagħhom f’Malta.

20. Minħabba dan kollu, ir-rikorrenti jallegaw li Skylarov f’isem Oleg, wettaq diversi reati ta’ frodi. Iżda m’huwiex eżattament għar-reat ta’ frodi li qed jistitwixxu din l-azzjoni r-rikorrenti. Huma jgħidu li r-reat ta’ frodi jimplika l-ħasil tal-flus cioè r-reat ta’ *money laundering*, li fil-Kap. 373 ġie mfisser hekk:-

> “"money laundering" tfisser:
>
> (i) il-konversjoni jew trasferiment ta’ proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li dik il-proprjetà tkun direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta’, attività kriminali jew minn att jew atti ta’ parteċipazzjoni f’attività kriminali, għall-iskop ta’ jew skopijiet ta’ ħabi jew wiri ħaġa b’oħra tal-oriġini tal-proprjetà jew ta’ għoti ta’ għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f’attività kriminali;
>
> (ii) il-ħabi jew wiri ħaġa b’oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta’ jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li dik il-proprjetà tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta’ parteċipazzjoni f’attività kriminali;
>
> (iii) l-akkwist, pussess jew użu ta’ proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta’ parteċipazzjoni f’attività kriminali;
>
> (iv) ir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta’ proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta’ parteċipazzjoni f’attività kriminali;

> (v) it-tentattiv ta' xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-subparagrafi (i), (ii), (iii) u (iv) ta' hawn fuq, u dan fit-tifsir tal-artikolu 41 tal-Kodiċi Kriminali;
>
> (vi) l-aġir bħala kompliċi fit-tifsir tal-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-subparagrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq."

21. Kif diġà ntqal, tressqet lista ta' pagamenti li saru fil-kont li jispiċċa -5392 u l-kont li jispiċċa -1678, u dana fil-fajl 'Excel' bl-isem '*Account Statement from inception till 30.09.2018'*, li jista' jiġi aċċessat mill-*pendrive* esibita f'dawn il-proċeduri.[24] Dawn il-pagamenti jinkludu l-ħlasijiet li saru mill-persuni li rriservaw l-akkomodazzjoni rreklamata minn Oleg u li sussegwentement irrapportaw l-aġir kriminali mal-Pulizija ta' Malta, u cioè l-pagamenti ta':-

    a. Aleksandra Maria Owczarek (ara ringieli 2831 u 3606 tal-Excel file hawn fuq imsemmi);
    b. Elisabet Soler Serra (ara ringieli 2798 u 3592);
    c. Ylli Neziri u Giancarlo Zambaiti (ara ringieli 2563 u 3472);
    d. Marianna Mederne Lovas u Zsolt Welch (ara ringieli 2932 u 3813);
    e. Petra Mizzi u Raymond Mizzi (ara ringieli 2847 u 3325);
    f. Naima Argani (ara ringieli 3993 u 4106);
    g. Rosemarie Camilleri (ara ringieli 3275 u 4725);
    h. Daniela Del Greco (ara ringieli 3043 u 4226)
    i. Jonathan Micallef (ara ringiela 4494);
    j. Marcin Leszek Kapala (ara ringieli 3729 u 4001);
    k. Eva Maria Jeanette Hagman (ara ringieli 2200 u 3607).

22. Mill-kont li jispiċċa bin-numru -5392 saru diversi pagamenti għall-kont li jispiċċa bin-numru -1678. Apparti minn hekk, kif spjegat mill-Ispettur Wayne Rodney Borg, ammont sostanzjali ta' flus miżmuma fil-kont li jispiċċa -5392 ġew sussegwentement trasferiti barra l-pajjiż, milli jidher a favur ċertu Denis Kochetov u bl-intestatura li qed isiru pagamenti għall-bini ta' xi villa. Dan jirriżulta wkoll mill-istess fajl 'Excel' li ġie hawn fuq imsemmi, fejn wieħed jista' jsib numru sostanzjali ta' trasferimenti preċiżament b'dawn in-notamenti:

    a. Ringiela 3378, pagament fl-4 ta' Mejju, 2018 ta' €13,028.21;

[24] Pg 114.

b. Ringiela 3755, pagament fit-18 ta' Mejju, 2018 ta' €7,841.72;
c. Ringiela 4282, pagament fit-12 ta' Ġunju, 2018 ta' €21,661.46;
d. Ringiela 4369, pagament fil-15 ta' Ġunju, 2018 ta' €17,647.48;
e. Ringiela 4370, pagament fil-15 ta' Ġunju, 2018 ta' €21,810.47;
f. Ringiela 4379, pagament fis-16 ta' Ġunju, 2018 ta' €22,128.26;
g. Ringiela 4455, pagament fid-19 ta' Ġunju, 2018 ta' €22,093.14;
h. Ringiela 4482, pagament fl-20 ta' Ġunju, 2018 ta' €22,009.59;
i. Ringiela 4544, pagament fit-22 ta' Ġunju 2018 ta' €21,919.04;
j. Ringiela 4549, pagament fit-23 ta' Ġunju, 2018 ta' €22,036.80;
k. Ringiela 4600, pagament fil-25 ta' Ġunju, 2018 ta' €21,896.15;
l. Ringiela 4601, pagament fil-25 ta' Ġunju, 2018 ta' €22,036.80;
m. Ringiela 4653, pagament fis-26 ta' Ġunju, 2018 ta' €21,955.70;
n. Ringiela 4680, pagament fis-27 ta' Ġunju, 2018 ta' €21,894.59;
o. Ringiela 4723, pagament fit-28 ta' Ġunju, 2018 ta' €21,921.05;
p. Ringiela 4727, pagament fit-30 ta' Ġunju, 2018 ta' €22,149.77;
q. Ringiela 4728, pagament fit-30 ta' Ġunju, 2018 ta' €22,149.77;
r. Ringiela 4804, pagament fit-2 ta' Lulju, 2018 ta' €21,896.09;
s. Ringiela 4805, pagament fit-2 ta' Lulju, 2018 ta' €22,149.77;
t. Ringiela 4847, pagament fit-3 ta' Lulju, 2018 ta' €22,073.67;
u. Ringiela 4873, pagament fl-4 ta' Lulju, 2018 ta' €21,996.17;
v. Ringiela 4879, pagament fil-5 ta' Lulju, 2018 ta' €22,042.61;
w. Ringiela 4886, pagament fis-6 ta' Lulju, 2018 ta' €21,806.61;
x. Ringiela 4888, pagament fis-7 ta' Lulju, 2018 ta' €21,898.14;
y. Ringiela 4890, pagament fid-9 ta' Lulju, 2018 ta' €21,898.14;
z. Ringiela 4891, pagament fid-9 ta' Lulju, 2018 ta' €21,898.14; u
aa. Ringiela 4903, pagament fl-10 ta' Lulju, 2018 ta' €21,774.46.

23. Minn dan kollu jinstab sodisfaċament ipprovat, għall-inqas fuq proponderanza ta' probabbilitajiet, li twettqu diversi reati ta' frodi u li r-rikavat ta' dawn ir-reati kriminali, ġie trasferit fil-kontijiet b'numri -5392 u -1678, b'parti sostanzjali tar-rikavat li ġie sussegwentement trasferit barra minn Malta. Oleg serviet bħala vettura għal Skylarov biex iwettaq dawn id-diversi atti ta' frodi, u t-trasferimenti hawn fuq imsemmija servew biex

dan ikun jista' jevita l-irkupru tal-fondi f'*chargeback* jew f'*recall of funds* u biex iservu ta' użu lil Skylarov jew lil persuni assoċjati miegħu. B'hekk b'dawn it-trasferimenti u anke biż-żamma mingħajr skuża raġonevoli ta' fondi li Oleg (kienet kisbet direttament mid-diversi atti ta' frodi, ġie pprovat, għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri ċivili, ir-reat ta' '*money laundering'*, liem reat jippermetti lill-Avukat Ġenerali biex jeżerċita l-azzjoni ta' konfiska f'nuqqas ta' kundanna.

*Jekk il-proprjetà hijiex soġġetta għall-konfiska*

24. Ġie pprovat wkoll, abbażi tal-grad ta' prova meħtieġ mill-artikolu 44(2) tal-Kap. 621, li l-kontijiet li jispiċċaw b'numri -5392 u -1678, jinkludu proprjetà soġġetta għall-konfiska, li skont it-tifsira fil-Kap. 621, tinkludi "rikavat mill-kriminalità, proprjetà li tiffaċilita, u kull proprjetà involuta f'reat ta' money laundering." Skont ir-rikorrenti, il-kontijiet bankarji ma ntużawx "sempliċiment biex il-flejjes illeċiti jiddaħħlu fis-sistema finanzjarja", li bl-użu tat-tali kontijiet bankarji, il-flejjes illeċiti tħalltu ma' flejjes oħra li seta' kellhom provenjenza kemm leċita kif ukoll illeċita, u li b'hekk seħħ '*intermingling'* jew '*comingling' 'of proceeds'*.

25. Il-qorti tqis li, anke jekk fil-kontijiet mertu tal-kawża, hemm xi fondi bi provenjenza leċita, il-kontijiet u flus kollha ta' ġo fihom huma soġġetti għall-konfiska. Għandu jiġi nnotat li f'każ ta' proprjetà faċilitattiva u proprjetà involuta f'*money laundering* apparti r-rikavat tar-reat predikat, tapplika l-preżunzjoni stabbilita fl-artikolu 3(5)(a) tal-Kap. 373. Skont dan l-artikolu, huwa preżunt li kull proprjetà li tappartjeni lil jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll tal-persuna jew il-korp li wettqu l-ħasil ta' flus, tkun inkisbet mir-reat ta' *money laundering* u tkun soġġetta għall-konfiska jew għat-teħid mill-qorti, sakemm ma jiġix ipprovat il-kuntrarju. F'każijiet oħra, il-qorti għandha tillimita l-konfiska għal dak li jkun neċessarju sabiex jiġi żgurat li l-konfiska ma tkunx sproporzjonata b'mod grossolan għall-gravità tar-reat li jagħti lok għall-konfiska.[25] Fi kwalunkwe każ, meta xi parti mill-proprjetà li tkun soġġetta għall-konfiska ma tkunx disponibbli,[26] il-qorti hija awtorizzata, anzi

[25] L-artikolu 38(7) tal-Kap. 621.
[26] L-artikolu 38(4) tal-Kap. 621.

obbligata, li tikkonfiska proprjetà, b'valur ekwivalenti għall-proprjetà li ma tkunx disponibbli.[27]

26. Issa fil-każ preżenti, fadal biss is-somma totali ta' €45,880.42 fil-kontijiet mertu tal-kawża – li m'hijiex somma sostanzjali, meta wieħed jikkomparaha mas-somom ta':- (i) €539,553.42 li ġiet trasferita barra mill-pajjiż f'diversi tranżazzjonijiet suspettużi; (ii) id-dejn ta' €35,267.51 li għandha Oleg ma' myPOS Europe; (iii) it-telf ta' €1,624,869.97 li nkorriet *booking.com* b'kawża tal-aġir ta' Oleg u (iv) is-somma ta' €117,000 ddepożitata f'kontijiet tal-BOV li ġiet sussegwentement għall-*recall of funds*. B'hekk joħroġ li r-rikavat mill-kriminalità f'dan il-każ hu ħafna ogħla mill-ammont ta' €45,880.42 li jista' jiġi rikuperat mill-kontijiet mertu tal-kawża.

27. Minn dan kollu wieħed jista' jasal għal żewġ konklużjonijiet. L-ewwel nett, ġaladarba li l-qorti hija awtorizzata – anzi obbligata – skont l-artikolu 38(4) tal-Kap. 621, li tikkonfiska proprjetà ta' valur ekwivalenti għal dik li kienet soġġetta għall-konfiska u li m'għadhiex disponibbli; u f'dan il-każ jidher li minn tal-inqas €539,553.42 ġiet disposta qabel ma setgħet tiġi maqbuda, is-somma ta' €45,880.42, anke li kieku kellha provenjenza leċita, hija soġġetta għall-konfiska skont l-artikolu 38(4). It-tieni nett, is-somma ta' €45,880.42 m'hijiex sproporzjonalment eċċessiva meta kkomparata mar-rikavat tal-kriminalità f'dan il-każ; proprju l-kuntrarju. Fi kwalunkwe każ, ġaladarba ma ġiex ipprovat li l-fondi fil-kontijiet mertu tal-kawża għandhom provenjenza leċita, għandu jiġi preżunt skont l-artikolu 3(5)(a) tal-Kap. 373, li l-ammont sħiħ inkiseb bil-ħasil tal-flus u huwa soġġett għall-

[27] Li l-konfiska testendi għal oġġetti mħallta ma' proprjetà illeċita hu kunċett aċċettat u promoss internazzjonalment. Fis-sentenza ta' *Gogitidze et vs. Georgia*, app. no. 36862/05, QEDB, deċiża 12 ta' Mejju 2015 (§ 105), il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem irrikonoxxiet dan il-fatt: "Having regard to such international legal mechanisms as the 2005 United Nations Convention against Corruption, the Financial Action Task Force's (FATF) Recommendations and the two relevant Council of Europe Conventions of 1990 and 2005 concerning confiscation of the proceeds of crime (ETS No. 141 and ETS No. 198) (see paragraphs 55-65 above), the Court observes that common European and even universal legal standards can be said to exist which encourage, firstly, the confiscation of property linked to serious criminal offences such as corruption, money laundering, drug offences and so on, without the prior existence of a criminal conviction. Secondly, the onus of proving the lawful origin of the property presumed to have been wrongfully acquired may legitimately be shifted onto the respondents in such non-criminal proceedings for confiscation, including civil proceedings in rem. Thirdly, confiscation measures may be applied not only to the direct proceeds of crime but also to property, including any incomes and other indirect benefits, obtained by converting or transforming the direct proceeds of crime or intermingling them with other, possibly lawful, assets. Finally, confiscation measures may be applied not only to persons directly suspected of criminal offences but also to any third parties which hold ownership rights without the requisite bona fide with a view to disguising their wrongful role in amassing the wealth in question."

konfiska. Kwalsiasi terz parti li seta' kellu xi interess potenzjali fuq il-fondi (jew parti minnhom) kellu l-opportunità li jikkontesta l-ordni ta' konfiska li qiegħda tiġi mitluba, iżda l-ebda risposta bħal din ma ġiet ippreżentata. Meħud kont ta' dawn iċ-ċirkostanzi, il-qorti ser tqis li s-somma kollha miżmuma fil-kontijiet mertu tal-kawża, hija soġġetta għall-konfiska.

28. Issa li ġie pprovat, fuq bilanċ ta' probabbilitajiet, li r-reat jikkonsisti f'wieħed minn dawk imsemmi fl-artikolu 43(2) tal-Kap. 621, u li l-kontijiet mertu tal-kawża, kif ukoll il-flus miżmuma fihom, huma soġġetti għall-konfiska, jonqos ir-rekwiżiti l-oħra msemmija fit-Taqsima VI tal-Kap. 621. Peress li jidher li Skylarov ħarab minn Malta fit-3 ta' Mejju 2018, l-azzjoni ta' konfiska f'nuqqas ta' kundanna setgħet tiġi eżerċitata skont l-artikolu 43 tal-Kap. 621. Għalkemm l-indirizz ta' Skylarov m'huwiex preżentement magħruf, huwa ġie validament innotifikat bl-atti tal-kawża ġaladarba saru l-pubblikazzjonijiet tal-avviż meħtieġa skont l-artikolu 48(1)(b) tal-Kap. 621.

29. Peress li kif ingħad, ħadd ma talab biex jintervjeni fil-kawża fi żmien 30 ġurnata minn dan l-avviż, joħroġ li l-konfiska mitluba mill-Gvern ma ġietx ikkontestata. B'hekk japplika l-artikolu 48(5)(a) tal-Kap. 621, skont liem artikolu, jekk "ħadd ma jippreżenta talba valida għall-proprjetà fil-forma ta' tweġiba għall-applikazzjoni, il-Qorti trid iddaħħal Ordni ta' Konfiska meta tkun taf li l-Gvern ikkonforma mal-proċedura biex jagħti avviż lir-rikorrenti potenzjali." Il-qorti hija sodisfatta li l-Gvern ikkonforma mal-proċedura biex jagħti avviż, u għalhekk skont dan l-artikolu, hija sejra tilqa' t-talbiet attriċi.

**Parti deċiżiva**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, il-qorti qiegħda:-

a. tiddikjara li l-kont bankarju mal-Bank of Valletta bin-numru 40022111678 intestat f'isem Oleg Ltd. (C-37252) u l-flejjes kontenuti fih huma proprjetà soġġetti għall-konfiska;

b. tordna li l-kont bankarju mal-Bank of Valletta bin-numru 40022111678 intestat f'isem Oleg Ltd. (C-37252) u l-flejjes kontenuti fih jiġu trasferiti lill-Gvern ta' Malta;

c. tiddikjara li l-kont bankarju mal-Bank of Valletta bin-numru 40022895392 intestat f'isem Oleg Ltd. (C-37252) u l-flejjes kontenuti fih huma proprjetà soġġetti għall-konfiska;

d. tordna li l-kont bankarju mal-Bank of Valletta bin-numru 40022895392 intestat f'isem Oleg Ltd. (C-37252) u l-flejjes kontenuti fih jiġu trasferiti lill-Gvern ta' Malta.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur